**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 8/2016**

**Illum: 10 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Michael Vella**
**(ID 11386(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Michael Vella, iben Michael Vella u Emanuela nee' Mifsud, imwieled il-Pieta` nhar il-11 ta' Dicembru 1985 u residenti gewwa 1, Villa Mike Nat, Triq il-Buganvilla, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 11386(M);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Jannar 2016 u s-26 ta' Jannar 2016 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. U aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat cioe` *bullet proof vest,* sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll talli malli sar jaf li *bullet proof vest* li kienet fil-pussess tieghu kienet oggett misruq jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni arma tan-nar tad-ditta *La-ka Pointer* bin-numru tas-serje 14-4968 u munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli malli akkwista jew giet fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija, li ghandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu fil-kustodja tal-Pulizija jew ghand min ikun jirrapporta l-kaz u dan bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat inghataw bhala imputazzjonijiet alternattivi;

Rat ukoll illi ghalkemm waqt il-prezentata tieghu taht arrest, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, sussegwentement fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016, huwa rregistra ammissjoni dwar l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jahsibha u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, madankollu, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'hijiex qed issib htija fl-imputat dwar din l-istess imputazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet inghataw bhala alternattivi ghal xulxin u wara din id-dikjarazzjoni, l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tielet u mhux ghat-tieni imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' ricettazzjoni u permezz taghha, ghalhekk, l-imputat qed jigi akkuzat *inter alia* talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u dan b'referenza ghal *bullet proof vest* li nstabet fil-pussess tieghu.

Il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu[1], fir-rigward ta' din il-*bullet proof vest*, l-imputat jghid illi kien ilu li xtraha madwar sena u nofs, li hallas madwar €550 ghaliha u li xtraha minn Paceville. Jghid ukoll illi <u>kien jaf li din kienet misruqa</u>, li xtraha xorta wahda ghaliex ghogbitu u li kien jaf li kienet misruqa ghaliex hekk kien qallu t-terz li minghandu xtara l-istess *bullet proof vest*. Mistoqsi jghid ghalfejn ma rritornahiex lill-pulizija la darba kien jaf li kienet misruqa, huwa jghid illi dan ghaliex kien nefaq hafna flus fuqha biex akkwistaha. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, l-Ispettur Daryl Borg jikkonferma illi huwa kien ghamel l-investigazzjonijiet tieghu mal-Korp u illi din il-*bullet proof vest* kienet wahda li giet innutata li kienet ilha nieqsa madwar sena.[2] Tenut kont ghalhekk tal-

---

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 3 sa 6 tal-process. Jirrizulta li din giet rilaxxjata mill-imputat wara li huwa nghata s-solita twissija u wara illi huwa nghata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istess, liema dritt huwa ghazel li jezercitah.

[2] Ara din ix-xhieda a fol 39 u 40 tal-process.

fatt illi l-imputat stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu jghid illi huwa kien jaf li din il-*bullet proof vest* kienet misruqa, izda akkwistaha xorta wahda, tenut kont ukoll tal-fatt illi rrizulta lill-Ispettur Daryl Borg waqt l-investigazzjoni tieghu illi din il-*bullet proof vest* kienet giet innutata nieqsa mill-Korp xi sena qabel u tenut kont ukoll tan-natura tal-oggett in kwistjoni u cioe` *bullet proof vest* tal-Pulizija, il-Qorti jidhrilha illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi. La darba jirrizulta illi l-imputat kien konsapevoli tal-fatt illi l-oggett miksub minnu kien misruq mal-mument li fih huwa akkwista l-istess oggett, u li ghalhekk ma kienx il-kaz illi huwa sar jaf li l-oggett kien misruq wara li dan kien diga` fil-pussess tieghu, minkejja l-ammissjoni tieghu ghat-tielet imputazzjoni, il-Qorti m'hijiex issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni, izda tat-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, imbaghad, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fil-grad rikjest mil-ligi f'dan ir-rigward u ghaldaqstant din ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat mal-prezentata tal-imputat taht arrest ossia fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016, illi l-piz tas-sustanza in kwistjoni f'dan il-kaz kien jammonta ghal inqas minn gramma u sussegwentement, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016, iddikjarat illi l-piz ta' din is-sustanza kien inqas minn zewg grammi. Ghaldaqstant fir-rigward ta' din l-imputazzjoni japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis illi ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9, il-piena applikabbli fil-kaz li l-haga tkun gejja minn serq, hija dik tas-serq, skont il-valur tal-haga. Issa f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ma gabitx prova tal-valur tal-haga misruqa u l-unika prova li tirrizulta mill-atti, ossia mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, huwa l-prezz li bih l-imputat xtara l-oggett misruq ossia l-*bullet proof vest*, li m'huwiex necessarjament il-valur tal-haga misruqa. Il-Qorti tqis ukoll illi dawn il-proceduri bdew *ab initio* bhala proceduri sommarji, li jfisser ghalhekk li jitrattaw reati li jaqghu fil-kompetenza originali ta' din il-Qorti ossia *inter alia* ai termini tal-Artikolu 370(1) tal-Kap. 9, delitti li jaqghu taht piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sentejn. Ai termini tal-Artikolu 279(a) tal-Kap. 9, il-piena massima ghas-serq ikkwalifikat bil-valur biss, jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx jeccedi s-somma ta' €2,329.37, hija dik ta' prigunerija ta' tliet snin u ghalhekk din tezorbita mill-kompetenza originali ta' din il-Qorti.

Ghalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-proceduri odjerni bdew mill-bidu bhala proceduri sommarji ai termini tal-Artikolu 370(1) tal-Kap. 9, il-Qorti ghandha necessarjament tqis l-oggett in kwistjoni bhala tali li gej minn serq semplici, ossia b'valur li ma jeccedix is-somma ta' €232.94 u punibbli b'piena ta' prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, il-Qorti qieset illi l-prosekuzzjoni ddikjarat illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi l-Qorti tapplika l-piena ai termini tal-proviso tal-Artikolu 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u ssuggeriet in oltre, flimkien mad-difiza, illi m'ghandhiex tinghata piena karcerarja effettiva, fir-rigward ta' liema suggeriment, il-Qorti ghamlitha cara lill-partijiet, inkluz lill-imputat, illi hija m'hijiex marbuta b'dan is-suggeriment.

Issa fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi fic-cirkostanzi tal-kaz, m'ghandhiex oggezzjoni illi l-Qorti tapplika dik il-piena indikata fil-proviso tal-Artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghal din id-disposizzjoni tal-ligi li tghid hekk:

"*Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun hati ta' reat u jista', meta jinstab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin:*

*Izda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon gewwa xi fond jew il-ksur jitqies bhala wiehed zghir hafna mill-Qorti, u wara li jitqies xi tkun il-kwantita` jew il-kwalita` tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinzammu ghall-bejgh jew ghal xi xorta ta' negozju iehor jew inkella biex isir uzu minnhom kontra l-ligi, il-hati jista' jehel multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disghin Euro (€698.81) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*" [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi sabiex il-Qorti tapplika l-proviso imsemmi, irid jirrizulta fl-ewwel lok illi l-pussess tal-armi regolari jew tal-munizzjon kien gewwa xi fond jew il-ksur jitqies mill-Qorti bhala wiehed zghir hafna, kif ukoll fit-tieni lok, wara li tikkunsidra il-kwantita` jew il-kwalita` tal-istess, illi dawn ma kienux qed jinzammu ghall-bejgh, ghal xi xorta ta' negozju jew biex isir uzu minnhom kontra l-ligi. Il-Qorti tqis illi jirrizulta mill-atti illi sitt *bullets* instabu fil-vettura tal-imputat u ghalhekk mhux gewwa fond. In oltre il-Qorti ma tqisx il-ksur bhala wiehed zghir hafna, kif trid il-ligi, u dan stante illi apparti l-pussess tas-sitt *bullets* gewwa l-vettura – li dwarhom l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni fl-istqarrija tieghu minkejja li kien mistoqsi specifikatament dwarhom u ghalkemm kellu kull

dritt li jaghmel dan u ma jwegibx ghad-domandi lilu maghmula, biss mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax tghid illi hija sodisfatta li dawn ma kinux qed jinzammu biex isir uzu minnhom kontra l-ligi – l-imputat kien ukoll fil-pussess ta' arma tan-nar u erba' *magazines* b'munizzjon fihom (disa' *bullets*, tmien *bullets*, tnax-il *bullet* u ghaxar *bullets*) u dan kif jirrizulta mir- rapport tal-pulizija u mix-xhieda tal-Ispettur Daryl Borg.  Il-Qorti ghalhekk ma tqisx illi huma sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi sabiex tapplika l-proviso imsemmi.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputat, li sa Jannar 2016 ma kinitx wahda allarmanti u kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar pussess semplici ta' droga, liema reat imur lura ghas-sena 2007.  Tqis ukoll illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri kienet wahda bikrija u li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.  Ghal fini ta' piena dwar it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, il-Qorti tqis ghalhekk illi piena karcerarja effettiva ma tkunx piena idonea.  In oltre qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A u 120A(1)(a) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b), 284, 285 u 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1), 6, 41, 51(2), 51(7) u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-penali ta' tmenin Euro (€80), liema penali ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tithallas mill-hati fi zmien xahar mil-lum u fin-nuqqas, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65). Fir-rigward tat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum, u fir-rigward tas-sitt imputazzjoni tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-hati l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-arma u l-munizzjon formanti parti minn Dokument DB1, favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita wkoll bhala parti minn Dokument DB1 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat